It-Trobbija Xierqa tat-Tfal

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

It-Trobbija Xierqa tat-Tfal

LAIQ AHMED ATIF

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

PROPER UPBRINGING OF CHILDREN
(In Maltese Language)

It-Trobbija Xierqa tat-Tfal

Kitba ta'
Laiq Ahmed Atif

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Tel: +356-27342401 • **Tel**: +356-21322105
Mob: +356-79320139 • **Fax:** +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

978-99957-59-03-2

Stampa: © shutterstock.com

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

It-trobbija xierqa u siewja tat-tfal dejjem tibqa' suġġett importanti ħafna u validu immens. It-tfal huma l-ġejjieni ta' nazzjon, u għall-futur aħjar u brillanti tan-nazzjon, it-tfal għandhom jingħataw trobbija xierqa u ta' livell għoli ħafna. Għandhom jiġu ttrattati sewwa, u jkunu mgħallma tajjeb l-edukazzjoni, bl-aqwa manjieri possibbli.

L-Iżlam jagħti importanza kbira lit-trobbija tat-tfal.[1] Għall-ġenerazzjoni futura, il-Koran Imqaddes jgħallem lis-soċjetà b'mod uniku. Huwa jgħallem li biex tinkiseb l-aqwa relazzjoni bejnek u bejn uliedek, huwa fundamentali wkoll li r-relazzjoni bejnek u bejn il-mara tiegħek għandha tkun eċċellenti.

L-Iżlam jitfa' responsabbiltà enormi fuq l-ispallejn tal-ġenituri u jsostni li l-imġiba tagħhom għandha twassal biex jinħoloq l-ambjent ideali għal ħajja ta' familja sana. Ir-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara tiegħu għandha tkun bħal dik ta' ħbieb vera, sinċiera u leali lejn xulxin; u t-tnejn li huma għandhom iġibu ruħhom b'mod eżemplari fid-dar.

Jekk il-ġenituri verament jixtiequ li t-tfal tagħhom jikbru biex isiru membri ta' soċjetà ġusta, għandhom jiftakru li r-relazzjonijiet partikolari bejn il-miżżewġin se jilagħbu rwol importanti fit-tisħiħ jew fit-tkissir tal-karattru ta' wliedhom.

Il-Koran Imqaddes jgħallem:

> Dawk li ma jagħtux xhieda falza, u dawk li meta jgħaddu minn fejn xi ħaġa bla sens, xorta waħda jgħaddu b'dinjità; u dawk li, meta huma mfakkra fis-Sinjali tal-Mulej tagħhom, ma jilagħbuhiex ta' muti u għomja; u dawk li jgħidu, 'O Mulej tagħna, agħmel li n-nisa tagħna u wliedna jkunu l-għaxqa ta' għajnejna, u agħmilna mudell xieraq għall-ġusti.' (Il-Koran Imqaddes, 25:73–75)

Din it-talba għandha ċertu seħer u hija mimlija b'għerf profond. Iż-żewġ imsieħba fiż-żwieġ huma mgħallma biex jitolbu għal xulxin u għal uliedhom ħalli Alla jipprovdilhom dejjem sodisfazzjon u kuntentizza kbira minn xulxin u minn uliedhom u jagħmel lit-tfal tagħhom il-prekursuri u l-mexxejja ta' ġenerazzjoni onesta u li għandha l-biża' ta' Alla.

Il-Koran Imqaddes jgħid:

> Intom li temmnu! Salvaw lilkom infuskom u lill-familji tagħkom minn Nar li l-fjuwil tiegħu huma l-bnedmin u l-ġebel, li fuqhom huma maħtura anġli, stretti u severi, li jobdu 'l Alla f'dak kollu li jordnalhom u jwettqu dak kollu li jiġu kkmandati. (66:7)

Din is-silta tirreferi partikolarment għan-nuqqas ta' qbil u kunflitti domestiċi. Il-kredenti huma ordnati li jgħallmu u jedukaw lill-membri kollha tad-dar b'tali mod li jsaltnu bis-sħiħ l-armonija, il-paċi u l-qbil fid-dar bħalma jiġri fil-Ġenna.

L-Iżlam jisħaq dwar il-prinċipju kardinali li l-edukazzjoni u t-trobbija xierqa tat-tfal għandha tibda mid-dar, u huwa d-dmir tal-ġenituri li jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bl-aħjar mod possibbli, il-għaliex l-isforzi tagħhom jilagħbu parti kbira fit-tiswir tal-imġiba tat-tfal tagħhom.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien saħaq li t-tfal għandhom jibdew jitgħallmu l-etikett mill-bidu tat-tfulija tagħhom. Huwa kien ġie rrappurtat li kien ta l-parir li ġej lil Ħażrat Imam Ħasan[ra], in-neputi tiegħu stess, waqt li dan kien qed jiekol. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien qallu:

> "Kul b'idek tal-lemin u mill-porzjon li hemm quddiemek."

Ħażrat Imam Ħasan[ra] dak iż-żmien kellu biss xi sentejn u nofs.

Fil-qosor, il-formazzjoni fit-tfulija hija importanti ħafna, il-għaliex dak li jissawwar f'dan iż-żmien jerġa' jispikka meta wieħed isir adult. Mhux ta' b'xejn li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien qal:

> "Kull tifel u tifla jitwieldu bin-natura tagħhom safja. Huma l-ġenituri li jagħmluhom Lhud jew Insara jew atei (jew Musulmani) skont it-tagħlim speċifiku li jgħaddulhom, u billi jipprovdu mudell partikolari bis-saħħa tal-imġiba tagħhom stess." [2]

Dan ifisser li t-tfal meta jkunu żgħar ikunu taħt il-ħakma tal-ġenituri tagħhom. Huma jassorbu dak kollu li jgħidu u jagħmlu bħalma jarawhom jagħmlu. It-tfal jafu jikkupjaw kollox. Jekk il-ġenituri nfushom ma jagħtuhomx eżempji xierqa li jistgħu jikkupjaw, it-tfal se jfittxu band'oħra mudelli li jistgħu jimitaw.

It-tfal għandhom jiġu pprovduti b'tagħlim reliġjuż u sekulari tal-ogħla livell skont il-mezzi tal-ġenituri. Madanakollu, taħriġ morali għandu jingħata prijorità ħalli t-tfal ikollhom għarfien ta' kif jibnu relazzjoni ma' Alla, u jfittxu direzzjoni mingħandU għall-bqija ta' ħajjithom. Dan maż-żmien jiggarantixxi s-suċċess tagħhom f'kull qasam tal-ħajja.

B'aċċenn esklussiv għall-ġenerazzjoni żagħżugħa u għad-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom, il-Koran Imqaddes iwiddeb:

> Intom li temmnu! Ibżgħu minn Alla u ħallu lil kull ruħ tara dak kollu li tibgħat 'il quddiem għall-għada. U ibżgħu minn Alla; tassew Alla huwa Konxju Sew ta' dak kollu li tagħmlu. (59:19)

Il-Koran Imqaddes iwiddeb lill-ġenituri li jekk huma jonqsu milli jgħaddu r-responsabbiltà lil uliedhom u jħallu warajhom ġenerazzjoni sħiħa, li tista' tkun iċċensurata għall-għemil tagħha, mela l-ġenituri jkollhom jagħtu kont quddiem Alla.

Għal darb'oħra, il-ġenituri huma mwissija biex ma joqtlux lil uliedhom fis-sens li huma jkunu strumentali u responsabbli b'xi mod biex jeqirdulhom il-karattru tagħhom.

Skont il-parir iebes tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam[sa], wieħed għandu jittratta bi mħabba, ġenerożità u rispett mhux biss it-tfal tiegħu stess, iżda l-ġenerazzjoni żagħżugħa kollha:

> Dejjem kunu qalbkom tajba ma' wliedkom. [3]

Wieħed ma jistax ma josservax li dan huwa eżattament dak li d-dinja kontemporanja teħtieġ illum. Jinħass ħafna l-bżonn li l-ġenituri għandu jkollhom sehem akbar fit-trobbija ta' wliedhom u jieħdu b'aktar serjetà r-responsabbiltà sħiħa tagħhom biex jiddixxiplinaw lit-tfal tagħhom, ħalli dawn isiru persuni ta' utilità kbira għas-soċjetà.

Kwotazzjonijiet mill-Koran Imqaddes

Ir-rikkezzi u t-tfal huma ornament tal-ħajja ta' din id-dinja. Iżda ħidma siewja li ttul hija aħjar f'għajnejn il-Mulej tiegħek, milli premju immedjat, u aħjar għat-tama fil-ġejjieni. (Il-Koran Imqaddes, 18:47)

Toqtlux lil uliedkom minħabba l-biża' tal-faqar; huwa Aħna li nipprovdu għalikom u għalihom, u tersqux lejn għemejjel diżonesti, la fil-beraħ u lanqas bil-moħbi. (6:152)

Għal Alla s-saltna tas-smewwiet u tal-art. Huwa joħloq dak li Jixtieq. Huwa jagħti t-tfal bniet lil min Jixtieq, u jagħti t-tfal subien lil min Jixtieq, jew Iħallathom, subien u bniet; u jagħmel lil min Irid sterili. Bla dubju, Huwa Jaf Kollox u Hu Setgħani. (42:50-51)

O umanità, Aħna ħlaqniek minn raġel u mara; u Qsamniek fi tribujiet u f'aktar tribujiet ħalli tagħrfu lil xulxin. Tassew, dak li huwa l-aktar rispettat fostkom, quddiem Alla, huwa l-aktar onest minnkom. Bla dubju, Alla Jaf Kollox, Konxju ta' Kollox. (49:14)

Kwotazzjonijiet tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

1. Dar mingħajr tfal hija dar mhix imbierka.

2. Irrispettaw liż-żgħar tagħkom u għallmuhom il-manjieri t-tajba.

3. L-ebda missier ma jista' jagħti lit-tfal tiegħu rigal aktar prezzjuż minn trobbija tajba.

4. Huwa aħjar għal raġel li jieħu ħsieb jagħti trobbija xierqa lil uliedu milli joffri qatta qamħ għall-karità.

5. Huwa dritt ta' kull tifel li missieru jgħallmu jaqra, jikteb, jgħum, u jissupera s-sengħa tal-isparar bil-qaws, u għandu jipprovdilu ikel bnin u adegwat.

6. Għallmu lis-subien tagħkom jgħumu u jisparaw bil-vleġeġ u għallmu lill-bniet tagħkom kif jagħżlu s-suf.

7. Dak li jkollu tifla u ma jidfinhiex ħajja, u lanqas ikażbarha, u lanqas ma jiffavorixxi lil ibnu flokha, dak se jingħata post fil-Ġenna minn Alla.

8. Kun konxju tad-dmir tiegħek lejn Alla u wliedek ittrattahom kollha ndaqs.

9. Ittratta lil uliedek bl-istess mod meta tqassam ir-rigali, bħalma tkun tixtieq li dawn jittrattawk sew b'ġenerożità u affezzjoni.

10. L-agħar fost il-bnedmin hu dak li jkun xħiħ ma' min jiddependi minnu.

11. Huwa dnub kbir li wieħed jieħu l-flus mingħand dawk li jiddependu fuqu.

12. It-tfal tiegħek huma l-aqwa qligħ tiegħek, ħalli inti tkun tista' tibbenifika mill-qligħ tagħhom.

13. Meta t-tfal tiegħek jagħlqu għaxar snin, qegħedhom f'sodod separati.[4]

14. Tisħetx lit-tfal għaliex jekk tisħet, l-anġli se jżidu: Se jseħħ hekk u hekk iseħħ... Indirizza lit-tfal bl-edukazzjoni u b'ġentilezza, il-għaliex it-tfal huma imitaturi kbar. Jekk se tindirizzahom b'mod pastaż, huma se jirrispondu lura bl-istess mod. Tigdbux lit-tfal u tkunux żorri jew arroganti magħhom. Huma żgur li se jimitawk.[5]

15. Persuna li tkun imbierka b'tifla jew tnejn, u li tedukahom u trabbihom sewwa, tidħol il-Ġenna.[6]

Itolbu għat-tfal minflok tikkastigawhom

Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, jgħid:

"In-nies ikollhom xewqa kbira li jkollhom it-tfal u t-tfal jingħataw lilhom. Imma qatt ma nosservaw li dawn iħabirku biex jagħmluhom qaddejja ta' Alla li jkunu twajbin, devoti, u ubbidjenti. Lanqas qatt ma jitolbu għalihom, jew iżommu quddiem għajnejhom livelli differenti ta' trobbija [jiġifieri, ma jaġixxux skont il-ħtiġijiet tal-ġurnata].

Il-pożizzjoni personali tiegħi [f'dan ir-rigward] hija li m'hemm l-ebda *Salat* [talba] minn tiegħi li fiha jiena ma nitlobx bil-ħerqa għall-ħbieb tiegħi, għas-segwaċi tiegħi, għat-tfal tiegħi, u għall-mara tiegħi. Hemm għadd ta' ġenituri li qed jgħallmu lil uliedhom vizzji ħżiena. Meta jibdew għall-ewwel darba jitgħallmu l-ħażen, dawn ma jwiddbuhomx. Ir-riżultat ikun li, jum wara l-ieħor, dawn isiru aktar avventurużi u kuraġġużi fl-għemejjel ħżiena tagħhom.

Tingħad storja fejn tifel kien se jiġi mgħallaq għall-atti kriminali tiegħu. Fl-aħħar mumenti tiegħu, huwa wera x-xewqa li jara lil ommu. Meta din waslet, resaq qribha u qalilha, 'Irrid nerdagħlek ilsienek.' Meta ħarġet ilsienha 'l barra, huwa gidimhulha. Meta ġie mistoqsi, huwa wieġeb, 'Din ommi hija l-kawża tas-sitwazzjoni miskina li ninsab fiha. Kieku tat kasi fil-ħin kieku ma kontx nispiċċa b'dan il-mod.'

Ikun biżżejjed li ngħidu li n-nies ikunu jridu t-tfal mhux biex isiru l-qaddejja tal-fidi iżda biex ikunu l-eredi tagħhom f'din id-dinja. Meta jitwieldu t-tfal, ma tingħatax attenzjoni lit-trobbija tagħhom, il-perċezzjonijiet tagħhom ma jiġux iċċarati, u l-morali tagħhom ma jiġux irregolati."[7]

Huwa jkompli jgħid:

"Għalija, is-swat tat-tfal huwa bħal dik l-azzjoni li tista' tissejjaħ tip ta' *Shirk* (li tassoċja lil ħaddieħor ma' Alla).

Din fil-fatt tfisser li l-persuna biżbetka tagħmel lilha nnifisha sħab ma' Alla fl-għoti ta' direzzjonijiet u manteniment tal-ħolqien. Meta individwu li jitlagħlu malajr jikkastiga lil xi ħadd, dan tant ikun imbaqbaq li jagħmel lilu nnifsu għadu u jamministra kastig ħafna aktar eħrex milli tkun titlob l-offiża. Dik il-persuna biss li kapaċi tikkontrolla lilha nnifisha, hija tolleranti u żżomm id-dinjità tagħha għandha d-dritt li tikkastiga lit-tfal u dan sa ċertu punt; persuna hekk tista' biss iċċanfar lit-tfal. Iżda dik il-persuna li titlgħalha malajr, ma żżommx id-dinjità tagħha u mhix daqshekk istruwita m'għandhiex dritt li tkun fdata bid-dmir li trabbi u li teduka lit-tfal. Jien nixtieq li n-nies ikunu mħeġġin biex jitolbu għat-tfal daqskemm ikunu ħerqanin biex jikkastigawhom. Għandhom jaraw li parti essenzjali mid-dmirijiet tagħhom tkun dik li jitolbu għal uliedhom b'żelu kbir; it-talb tal-ġenituri għal uliedhom huwa aċċettat b'mod partikolari minn Alla.

Hemm ċertu talb li jiena nara li ngħidu kuljum.

(1) Nitlob għalija nnifsi li Alla jħallini nagħmel dawk l-affarijiet li juru l-Ġieħ u l-Kobor Tiegħu u li Hu jħallini nkun rassenjat kompletament għall-volontà Tiegħu.

(2) Nitlob għall-mara tiegħi ħalli Hu jippermetti li jkolli t-tfal minnha, li mbagħad jirnexxilhom ikunu l-freskezza t'għajnejja, u li jistgħu jgħixu ħajjithom fi qbil unanimu mal-volontà ta' Alla.

(3) Nitlob għat-tfal tiegħi ħalli Alla jagħmilhom kollha, qaddejja tar-reliġjon Tiegħu.

(4) Nitlob għall-ħbieb tiegħi, billi nsemmihom kollha wieħed wieħed.

(5) Nitlob għal dawk kollha li għandhom x'jaqsmu ma' din il-Fergħa Reliġjuża – kemm jekk nafhom personalment u anki jekk ma nafhomx.

Alla l-Omnipotenti jippossjedi d-direzzjoni u l-edukazzjoni vera. Li tippersisti l-ħin kollu fuq xi ħaġa, u li tinsisti fuqha b'mod esaġerat u li ċċanfar lit-tfal fuq kull ħaġa ta' xejn huma indikazzjoni li l-persuna timmaġina lilha nnifisha bħala s-sors tad-direzzjoni u tkun temmen li se ġġib l-ordni fit-tfal billi ssegwi l-metodi tagħha. Din it-tip ta' attitudni tinbena fuq suppożizzjoni moħbija ta' assoċjazzjoni mad-Divin u għandha tiġi skartata mill-membri tal-Komunità tagħna. Jiena nitlob għal uliedi u nħeġġiġhom isegwu għadd wiesa' ta' regoli ta' mġiba u daqshekk. Aktar minn hekk jiena nqiegħed il-fiduċja sħiħa tiegħi f'Alla l-Omnipotenti bit-tama li ż-żerriegħa ta' xorti tajba li tinsab fihom kollha toħroġ iż-żahar fil-waqt propizju tagħha."[8]

L-edukazzjoni morali tat-tfal

Ħażrat Mirża Bashir-ud-Deen Maħmood Aħmad[ra], it-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Fundatur tal-Komunità Aħmadija fl-Iżlam, kiteb fid-dettall dwar it-trobbija xierqa tat-tfal. Huwa ta importanza lil xi punti bażiċi u fundamentali ħafna f'dan ir-rigward. Huwa jikteb:

1. Eżattament kif titwieled tarbija, l-ewwel pass lejn l-edukazzjoni tagħha huwa li titlissen *Azaan* [talba] f'widnejha.

2. It-tfal għandhom ikunu puliti u galbati u, għandhom jitnaddfu sew wara li jippurgaw… Ħallu lit-tfal ikollhom ġisimhom nadif. L-impatt fuq moħħhom ikun kbir. B'riżultat ta' dan, it-tfal ikollhom ħsibijiet safja u jkunu protetti minn dawk id-dnubiet li jinbtu min-nuqqas ta' purità…

3. It-tfal għandhom jieklu f'ħinijiet fissi. Hekk tiddaħħal id-drawwa li wieħed ikollu kontroll fuqu nnifsu u jeħles minn għadd ta' vizzji. Li wieħed ma jkunx kapaċi jrażżan lilu nnifsu jwassal għal ċerti vizzji ħżiena bħas-serq, eċċ. Tfal hekk ma jitgħallmux jirreżistu t-tentazzjoni. It-tort ikun tal-omm li kull meta tisma' t-tarbija tibki tkun pronta biex titmagħha. Ikun żball kbir meta wieħed ma jderrix lit-trabi u lit-tfal jieklu b'mod regolari. Meta wieħed jiekol b'ħin fiss iżid iċ-ċans li jkollu wkoll dawn id-drawwiet tajbin:

- Puntwalità.
- Li wieħed irażżan lilu nnifsu.
- Saħħa tajba.

- Kooperazzjoni. Dawn it-tfal ma jkunux egoċentriċi u egoisti għaliex ikunu tgħallmu jieklu ma' ħaddieħor.

- Nuqqas ta' ħela. Tfal hekk ma jkunux ibatu mill-vizzju tal-ħela u l-istravaganza. It-tfal li jingħataw l-ikel b'mod irregolari jkunu aktar disposti li jieklu anqas u jaħlu aktar. Iżda jekk ikunu mitmugħa b'qies fiss u b'ħinijiet regolari, it-tfal jieħdu ħafna minn dak li jingħataw u jibqgħu kuntenti mingħajr ma jkollhom tendenza li jaħlu.

Barra minn hekk, it-tfal jiżviluppaw il-forza interjuri biex jirreżistu t-tentazzjoni. Xi kultant jiġri li xi ħaġa fis-suq tolqot l-għajn tat-tfal. Jekk ma ġġibhilhomx mal-ewwel, it-tfal jitgħallmu biex aktar tard f'ħajjithom ikunu jistgħu jirreżistu t-tentazzjoni. Bl-istess mod jekk it-tfal ikunu jridu jieklu xi ħaġa li tkun tidher fiddar bħal, ngħidu aħna, kannamieli, ravanell, karrotti jew zokkor magħmul minn familji tal-irziezet, għidulhom biex jistennew sakemm isir il-ħin għall-ikel. Dan isaħħilhom il-kontroll fuqhom infushom u jgħinhom jeżerċitaw ir-restrizzjoni.

4. It-tfal għandhom jiġu mħarrġa biex ikunu jafu sewwa x'għandhom jagħmlu fit-tojlit. Dan ikun ta' fejda kbira għal saħħithom. Iżda benefiċċju akbar ikun li riġlejhom jiksbu sens ta' puntwalità…

5. L-ikel għandu jiġi servut b'porzjonijiet meqjusa. Dan jgħallem lit-tfal ikunu kuntenti u jnaqqas il-kilba għall-ikel.

6. It-tfal għandhom jingħataw varjetà ta' ikel. Għandhom jingħataw il-laħam, il-ħaxix u l-frott, il-għaliex id-drawwiet tal-ikel jaffettwaw il-morali u varjetà ta' ikel hija neċessarja għal varjetà ta' morali. Għandhom jingħataw aktar ħaxix minn laħam għax il-laħam iqanqal u fit-tfulija għandu jkun hemm tqanqil mill-anqas.

7. Waqt li t-tfal qed jikbru, għandna nġagħluhom jagħmlu qadjiet żgħar f'għamla ta' logħba. Pereżempju nistgħu ngħidulhom biex inewlu xi reċipjent, jissostitwixxu jew iġorru xi oġġett, u jagħmlu qadjiet oħra żgħar u varjati. Iżda għandu jkollhom ukoll ħin biex jilagħbu waħidhom.

8. It-tfal għandhom jitħallew jiksbu kunfidenza fihom infushom bi drawwa. Pereżempju, jekk ikunu jridu oġġett li jkunu għadhom kif lemħu, għandna ngħidulhom li se jingħata lilhom fil-ħin adattat. Mhux sew li naħbulhom l-oġġett, għaliex it-tfal iħobbu jimitaw u jibdew jippruvaw jaħbu l-affarijiet li mbagħad dan iwassal għall-vizzju tas-serq.

9. It-tfal m'għandniex nissodisfawlhom kull xewqa li jkollhom. Żegħil eċċessiv iwassal għal ħafna vizzji. Meta dawn it-tfal jidħlu fis-soċjetà, jippretendu li jkunu mfissda. Dan iwassal għal għadd ta' vizzji immorali.

10. Il-ġenituri jridu jkunu kapaċi jissagrifikaw lilhom infushom. Ikel li ma jistax jittiekel minn tfal morda m'għandux jiddaħħal fiddar jew inkella jkun mittiekel mill-ġenituri. Għandhom jispjegaw lit-tfal li qed jiċċaħħdu minħabba fihom. B'hekk it-tfal jitgħallmu jagħmlu sagrifiċċju huma wkoll.

11. Għassa stretta hija meħtieġa meta t-tfal ikunu jbatu minn xi marda kronika...

12. M'għandniex nirrakkuntaw lit-tfal stejjer tal-biża'. Dawn jagħmluhom beżżiegħa. Meta jikbru ma jilqgħu l-ebda sfida. Jekk it-tfal juru tendenza li se jkunu beżżiegħa, għandna nirrakkuntawlhom stejjer ta' qlubija u nħajruhom jilagħbu ma' tfal li huma aktar kuraġġużi.

13. It-tfal m'għandhomx jitħallew jagħżlu l-ħbieb tagħhom stess.

Din l-għażla għandha ssir mill-ġenituri. Għandhom jagħżlu tfal bil-għaqal biex ikunu ħbieb tat-tfal tagħhom. Il-ġenituri wkoll għandhom jibbenefikaw minn dan l-arranġament. Jibdew isiru midħla tal-ġenituri tat-tfal li huma jkunu għażlu bħala ħbieb tat-tfal tagħhom. Dan kollu jwassal għal ħafna aktar kooperazzjoni bejn il-ġenituri. Aktar minn hekk, meta jagħżlu t-tfal biex jilagħbu ma' wliedhom, huma jkunu jistgħu josservaw l-imġiba tagħhom.

14. It-tfal għandhom jingħataw qadjiet ta' responsabbiltà li jkunu adatti għall-etajiet tagħhom. Dan jgħin biex jitkattar fit-tfal is-sens ta' responsabbiltà. Jingħad li missier kellu żewġ subien. Ta tuffieħa lil wieħed minnhom u qallu biex jaqsamha ma' ħuh. Il-missier staqsa jekk dan kienx jaf jaqsam it-tuffieħa. It-tifel wieġeb li ma kienx jaf. Il-missier qal: Dak li jaqsam it-tuffieħa għandu jieħu l-iżgħar nofs u jagħti lil ħuh l-ikbar parti. Meta sema' dan it-tifel wieġeb li f'dak il-każ it-tuffieħa aħjar tinqasam minn ħuh.

Dan juri li dan it-tifel kien diġà akkwista l-attitudni tal-egoiżmu, iżda kien jaf li jekk ir-responsabbiltà se taqa' fuqu, kien se jieħu preċedenza ħuh. Logħob bħall-futbol, eċċ., huwa eżerċizzju utli għal dan il-għan. Iżda fl-isports ukoll għandna noqogħdu dejjem attenti biex it-tfal ma jaqbdux vizzji ħżiena. Fil-fatt meta jkun hemm differenza ta' opinjoni fil-logħob, il-ġenituri ħafna drabi jżommu mat-tfal tagħhom u jġagħlu lit-tfal l-oħra jaċċettaw dak li jkunu sostnew uliedhom. Dan iwassal biex it-tfal tagħhom isiru rashom iebsa u jkunu dejjem iridu li tgħaddi tagħhom.

15. Faħħru lit-tfal. Il-Qaddis Profeta[sa] qal: Tisħtux lit-tfal għaliex meta tistħu, l-Anġli se jżidu: 'Jalla jkun hekk', u hekk isir.[9]

Dan ifisser li l-anġli huma fl-aħħar mill-aħħar responsabbli mill-konsegwenzi tal-azzjonijiet. Meta tgħidu lit-tfal li huma mqarbin, dawn se jpinġu stampa f'moħħhom li turi li huma mqarbin, u mbagħad jibdew jaġixxu ta' mqarbin. Għaldaqstant, l-abbuż tat-

tfal huwa inaċċettabbli. Faħħruhom u għallmuhom ikunu bil-għaqal.

Dalgħodu t-tifla ċkejkna tiegħi ġiet titlobni munita. Meta kont se nagħtiha l-munita, ħarġet idha x-xellugija [minflok il-leminija bħalma huwa mistenni fl-Iżlam] biex tilqagħha. Jien għedtilha li dan mhux sewwa. Hi ammettiet li żbaljat u wegħditni li mhijiex se terġa' twettaq dan l-iżball. Hi mill-ewwel irrealizzat li żbaljat meta jien ġbidtilha l-attenzjoni.

16. It-tfal m'għandhomx jitħallew isiru stinati. Jekk jippersistu li jagħmlu ta' rashom, l-attenzjoni tagħhom trid tintefa' fuq xi ħaġa oħra. Wara, il-kawża ta' din l-imġiba stinata trid tiġi mistħarrġa u mneħħija.

17. Indirizza lit-tfal bl-edukazzjoni u b'ġentilezza, il-għaliex it-tfal huma imitaturi kbar. Jekk se tindirizzahom b'mod pastaż, huma se jirrispondu lura bl-istess mod.

18. Tigdbux lit-tfal u tkunux żorri jew arroganti magħhom. Huma żgur li se jimitawk. Huma l-ġenituri li jgħallmu lit-tfal jigdbu. L-omm tagħmel xi ħaġa fil-preżenza tat-tfal iżda tiċħad li tkun għamlitha meta jistaqsiha r-raġel. B'hekk it-tfal jitgħallmu jigdbu. Jiena żgur li m'iniex ninsinwa li l-ġenituri jistgħu jġibu ruħhom ħażin fl-assenza tat-tfal. Li rrid infisser huwa li jekk ma jistgħux jagħmlu mod ieħor, għall-inqas għandhom jippruvaw ikunu prudenti meta jkun hemm it-tfal ħalli jipproteġu l-ġenerazzjoni żagħżugħa minn vizzji bħal dawn.

19. Ipproteġu lit-tfal minn kull tip ta' droga. Dawn jeqirdu n-nervituri tat-tfal. B'riżultat ta' dan isiru giddieba. Persuna vvizzjata ssir imitatur agħmi u tieqaf milli jkollha r-rieda tagħha… Fil-qosor, il-vizzju tad-droga joqtol l-inizjattiva.

Mill-ħażen kollu morali, l-agħar huwa l-gideb. It-tfal għandhom ikunu protetti minnu. Il-gideb għandu varjetà ta' kawżi, uħud minnhom vera oskuri…

20. Tħallux lit-tfal jilagħbu fejn ma jidhrux.

21. Tħallux lit-tfal joqogħdu għarwenin.

22. Għallmu lit-tfal, anki bħala abitudni, biex jammettu li żbaljaw. Għal dan dawn il-metodi li ġejjin għandhom ikunu utli:

• Tippruvax taħbi l-iżbalji tiegħek mit-tfal.

• Kunu empatiċi meta t-tfal jiżbaljaw. Ħalluhom iħossu li l-iżball huwa għamla ta' telfien li huma jsofru. Għalhekk daqstant empatija. Ħalluhom iħossu wkoll li żball partikolari jwassal għal telfien partikolari.

• Biex tgħallmu lit-tfal ma jirrepetux l-iżball, fissrulhom x'tip ta' problemi dak l-iżball ikkaġuna lill-ġenituri. Jistgħu, pereżempju, iħallsu għad-danni li dak l-iżball ikun ikkawża. Dan iġagħalhom jirrealizzaw li r-riżultat tat-tkisser tal-affarijiet ma jkunx wieħed tajjeb. Il-prinċipju ta' tpattija mhuwiex validu iżda l-metodu huwa utli għat-taħriġ tat-tfal.

• Jekk inti tixtieq twiddeb lit-tfal, tagħmilx hekk quddiem nies oħra; widdibhom meta jkunu waħidhom.

23. It-tfal m'għandhomx jingħataw ħafna flus. Dan jgħallimhom tliet virtujiet:

• Li jagħmlu l-karità.

• Li ma jonfqux bl-addoċċ.

• Li jgħinu lill-qraba.

Pereżempju, jekk tifel għandu tliet muniti, ħallih jixtri xi ħaġa x'jiekol b'munita u jaqsamha ma' tfal oħra. Bit-tieni munita, ħallih jixtri ġugarell u t-tielet għandu joffriha karità.

24. It-tfal għandhom jingħataw pussess komuni ta' xi oġġett. Pereżempju, jistgħu jingħataw ġugarell u jingħataw istruzzjoni li dak huwa ta' kulħadd u kulħadd jista' jilgħab bih u li ħadd m'għandu jipprova jkissru. Dan għandu jgħallimhom jipproteġu l-proprjetà komuni.

25. It-tfal għandhom jingħataw istruzzjonijiet kostanti fejn tidħol l-etikett.

26. Attenzjoni immedjata trid tingħata lill-eżerċizzju fiżiku u l-istamina tat-tfal. Dan ikun ta' benefiċċju fl-edukazzjoni morali tat-tfal u għall-progress fid-dinja.[10]

Referenzi

1. *Islam's Response to Contemporary Issues,* paġni 107-110, ġie ppubblikat fl-2012, fl-Ingilterra
2. *Sahih Bukhari, Kitabul-Jana'iz, Bab 79, Hadith 1358, Vol. 2, p.731, ġie ppubblikat fl-2006, minn Qadian*
3. *Sunan Ibni Majah, Abwabul-Adab, Babu Birril-Walidi Wal-Ihsani Ilal-Banati*
4. Wisdom of the Holy Prophet[sa], ta' Muhammad Zafrullah Khan, paġna 13
5. Pathway to Paradise, paġna 88
6. Bukhari. Muslim
7. *Malfużat*, Vol. 1, paġna 562
8. *Malfużat*, Vol. 1, paġni 308-309
9. *Sunan Abi Daud Kitabus-Salat Bab Annahyu 'an...*
10. *Minhajut-Talibin (Urdu), Anwarul-Uloom*, Vol. 9, paġni 201-207/ Way of the Seekers, paġni 57-67

IMĦABBA GĦAL KULĦADD
MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

"Proper Upbringing Of Children"
by Laiq Ahmed Atif,
in Maltese Language.

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA
www.ahmadija.org.mt

9 789995 759032